**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru, 2015**

Talba Nru: 514/2014JB

Numru 3

**Go p.l.c. (C22334) f'isimha proprju u a nom u in rapprezentanza tas-Socjeta Mobisle Communications Limited (C24655)**

***vs***

**Barry Peter Doublet (K.I.: 384367M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fid-29 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu s-Socjeta Attrici f'isimha u f'isem is-socjeta Mobisle Communications Limited talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, mija u tlieta u hamsin euro u tlieta u sittin centezmu (€1,153.63) rapprezentanti:

(i) in kwantu ghal mitejn u sitta u sebghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€276.81) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement skond kuntratt datat 7 ta' Marzu 2009 (AC 40060840);
(ii) in kwantu ghal erba' mija u hames euro u wiehed u tletin centezmu (€405.31) in konnessjoni ma' Laptop Connect skond kuntratt datat 4 ta' Lulju 2009 (AC 50938551);
(iii) in kwantu ghal erba' mja u wiehed u sebghin euro u wiehed u hamsin centezmu (€471.51) in konnessjoni ma' servizz tal-internet fuq 21462860 skond kuntratt datat 9 ta' Mejju 2006 (AC 40135641);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sa mid-data tal-prezentata tal-istess avviz;

Illi l-Konvenut, debitament notifikat, laqa' ghal din l-azzjoni billi pprezenta risposta fis-16 ta' Jannar 2015 li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

(i) l-ammont pretiz mis-socjeta Go plc mhuwiex dovut kif se jigi ppruvat fil-kawza;
(ii) illi s-somma ta' €41.25 biss hija dovuta lill-istess socjeta;
Bl-ispejjez.

Ra l-atti processwali;

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2015 fejn it-Tribunal ordna l-inversjoni tal-provi;

Sama' x-xhieda;

Sama' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' somma allegatament dovuta ghall-provvista ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni. Il-Konvenut, fil-waqt li jammetti parti minn din it-talba qieghed jikkontestaha fil-bqija;

Illi fil-kors tal-odjerni proceduri xehed il-Konvenut, fil-waqt li s-Socjeta Attrici pproduciet lil Simone Wightman u lil Greta Rapinett. Ghad li x-xhieda ta' Simone Wightman ma tantx ghenet sabiex din il-vertenza tigi rizolta, mix-xhieda ta' Greta Rapinett jirrizulta car li bejn il-kontendenti kien hemm skambji u burokrazija li ma tantx issimplifikaw l-affarijiet;

Illi t-Tribunal iqis li fil-kaz odjern kien ikun utli kieku gew prezentati l-kontijiet jew almenu wiehed ifisser x'ikopru d-diversi kontijiet li ghalihom hemm riferenza fil-prospetti prezentati. In mankanza ta' tali taghrif imiss lit-Tribunal jipprova jghaqqad stampa kemm jista' jkun shiha a bazi tal-provi prodotti;

Illi l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Tonna *vs* Philip Azzopardi" deciza fit-12 ta' April, 2007 irriteniet li fis-sistema taghna, ir-regoli l-aktar prevalenti dwar il-provi jidher li huma dawn:

> Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*)[1].
>
> Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[2].
>
> Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

Illi mhemmx dubju li l-valutazzjoni tal-provi tmiss lill-gudikant li ghandu d-diskrezzjoni li japprezza r-rizultanzi probatorji u li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli. Naturalment dak l-apprezzament irid jinghata f'sentenza li ghandu jkollha motivazzjoni ragunata li taghti lok lill-partijiet sabiex jifhmu kif il-gudikant ikun wasal ghall-konkluzjoni tieghu. Huwa ben risaput li f'kaz ta' appell, il-qorti ta'

---

[1] Ara Francesca Mallia *vs* Salvatore Guillaumier deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Koll. XLVI.i.5);
[2] Ara Joseph Zammit *vs* Joseph Hili deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Koll. XXXVII.i.577);

revizjoni m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel qorti fl-apprezzament li dan ikun ghamel tal-provi migbura u "*normalment tkun inklinata li tiddisturba tali apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun konvinta li huwa b'dan il-mod biss, li tkun tista' tikkoregi xi ingustizzja manifesta*".[3]

Illi ghalhekk jidher li l-valutazzjoni tal-provi da parti tal-qorti li quddiemha jkunu ngiebu, fis-sistema taghna tinghata piz konsiderevoli. Dan japplika anke ghall-apprezzament tal-provi da parti ta' dan it-Tribunal. Fis-sentenza fl-ismijiet "Emanuel Borg *et vs* Anna Clews *et*" deciza nhar is-27 ta' Frar 2009 fuq appell minn decizjoni ta' dan it-Tribunal, il-Qorti tal-Appell qalet:

> Bla dubju, l-apprezzament tal-fatti hu rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant adit mill-mertu u, di regola, indipendentement mix-xorta tat-tribunal li quddiemu l-kawza tkun trattata, dak l-istess apprezzament ma jigix disturbat sakemm ma jkunx jirrizulta xi motiv gravi biex Qorti ta' revizjoni twarrab dak l-apprezzament u tissostitwih b'dak taghha. Dan hu maggorment hekk fil-kaz ta' decizjonijiet tat-Tribunal specjali taht il-Kapitolu 380 ghal raguni illi l-ligi lanqas biss takkorda appell lil din il-Qorti fuq apprezzament tal-fatti. Naturalment, fil-limiti strettissimi ghal liema hu akkonsentit appell, jinkombi xorta wahda fuq dil-Qorti ta' l-Appell illi tezamina jekk id-decizjoni impunjata tikkontjenix strapp ghal-ligi jew, ghall-principju ta' l-ekwita`, in kwantu strument processwali determinat mil-legislatur, ex-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu imsemmi, ghal mod kif jigu decizi l-vertenzi quddiem it-Tribunal.

Illi dan igibna sabiex inqisu d-dispozizzjonijiet tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) liema ligi tipprovdi espressament li dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi l-kwistjonijiet li jigu quddiemu principalment a bazi tal-ekwita. Naturalment l-ekwita mhijiex qieghdha hemm sabiex tissostitwixxi l-ligi izda ghandha tiggwida lill-gudikant li jasal ghal decizjoni tenut kont in-natura tal-kawzi li jigu hawn trattati u ghalhekk it-Tribunal hu dejjem mistenni li jippropendi d-dritt ekwitattiv;[4]

Ikkunsidra;

Illi sabiex jipprova jsib tarf ta' din il-kobba, it-Tribunal sejjer jitratta t-tliet kontijiet separatament u jislet mill-provi li ghandu quddiemu;

*Il-Kont 40060840 – Bundle Service Agreement – Bundle 1*

Is-Socjeta Attrici tghid li dan il-kont huwa regolat skond kuntratt tas-7 ta' Marzu 2009 (a fol 5) u l-ammont pretiz huwa ta' €276.81. Gie prezentat ukoll prospett (a fol 2);

Il-Konvenut jghid li dan il-kont kien gie terminat fit-2 ta' Lulju 2010 u jghid li *se mai* ghandu jhallas is-somma ta' €34.10. B'riferenza ghall-prospett a fol 2, huwa pprezenta wkoll verzjoni tieghu li tinsab a fol 34 fejn qieghed jghid li l-kontijiet li ddekorrew wara t-2 ta' Lulju 2010 ma humiex dovuti. Huwa pprezenta wkoll email (a fol 36) fejn Greta Rapinett tghid hekk "*with regards to the other services you had previously used namely … account number 40060840 which services you had terminated as per our meetings discussion and clarifications of last Friday (4th Nov '11)…*";

[3] Nazzareno Spiteri *et vs* Karl Busuttil *et* deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015
[4] Ara Carmel Borg *pro et noe vs* Hussein Ismael Dgheem deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fit-22 ta' Novembru, 2006

Minn ezami tal-kuntratt ma jirrizultaw ebda termini u kundizzjonijiet estensivi ghad li hemm riferenza ghal "*bundled service terms and conditions attached"* kif ukoll riferenza ghal "*standard terms and conditions*." Kopja ta' tali kundizzjonijiet ma gietx prezentata mal-kuntratt. Il-kuntratt madankollu jghid li l-ftehim hu validu ghal sentejn u jkun hemm il-mizati jekk l-abbonat jittermina s-servizz qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu. Il-kuntratt hu datat 7 ta' Marzu 2009 u wiehed jifhem ghalhekk li dawn is-sentejn kienu jaghlqu f'Marzu 2011.

Il-Konvenut jghid li dan is-servizz gie terminat fit-2 ta' Lulju 2010. Jghid ukoll li tali terminazzjoni kienet giet diskussa fil-laqgha li kellu ma' Greta Rapinett fl-4 ta' Novembru 2011. Meta xehdet in kontro-ezami (a fol 68) Greta Rapinett stqarret b'riferenza ghall-email suriferita li dwar il-kont in dizanima ghad li qalet li kollox kien ikklerjat, dan "*naturalment ma jfissirx li l-bilanci kienu necessarjament imhallsin, dak kien ifisser li kontijiet godda ma kienux se jiddekorru*."

It-Tribunal iqis li d-dikjarazzjoni tal-Konvenut li s-servizz kien gie tterminat fit-2 ta' Lulju 2010 mhijiex verosimili peress li skond il-kuntratt huwa kien marbut ghal sentejn. Madankollu, l-email ta' Rappinett u x-xhieda li tat hija cara u t-Tribunal jista' jasal ghall-konkluzjoni li dan is-servizz kien gie terminat fl-4 ta' Novembru 2011. Ghalhekk b'riferenza ghall-prospett a fol 2, it-Tribunal sejjer jinjora l-entrati kollha mill-4 ta' Novembru 2011 'il quddiem u b'hekk mill-ammont pretiz ta' €276.81 ghandhom jitnaqqsu wkoll il-kontijiet tal-1 ta' Dicembru 2011 u tal-1 ta' Frar 2012 li flimkien jammontaw ghal disa' u sebghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€79.81) biex b'hekk jibqa' bilanc favur is-Socjeta Attrici ta' mija u sebgha u disghin euro (€197);

*Il-Kont 50938551 – Laptop Connect*

Is-Socjeta Attrici tghid li dan il-kont huwa regolat skond kuntratt tal-4 ta' Lulju 2009 (a fol 6) u l-ammont pretiz huwa ta' €405.31. Gie prezentat ukoll prospett (a fol 3);

Il-Konvenut jghid li dan il-kont kien gie terminat fit-3 ta' Lulju 2012 u jghid li se mai ghandu jhallas is-somma ta' €41.25. B'riferenza ghall-prospett a fol 2, huwa pprezenta wkoll verzjoni tieghu li tinsab a fol 41 fejn qieghed jghid li l-kontijiet li ddekorrew wara l-1 ta' Lulju 2012 ma humiex dovuti. Huwa pprezenta wkoll email tad-19 ta' Gunju 2012 (a fol 39) fejn Greta Rapinett, b'riferenza ghall-prospett a fol 40, tghid hekk "*as you can see it is all paid with the exception of the last bill*";

Minn ezami tal-kuntratt jidher li dan jipprovdi li l-ftehim hu validu ghal tliet snin u jkun hemm il-mizati jekk l-abbonat jittermina s-servizz qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu. Il-kuntratt hu datat 4 ta' Lulju 2009 u wiehed jifhem ghalhekk li dawn it-tliet snin kienu jaghlqu f'Lulju 2012;

It-Tribunal iqis li d-dikjarazzjoni tal-Konvenut li s-servizz kien gie tterminat f'Lulju 2012 hija verosimili peress li skond il-kuntratt huwa kien marbut ghal tliet snin. L-email ta' Rapinett hija cara wkoll. Madankollu, l-email ta' Rappinett u x-xhieda li tat hija cara u t-Tribunal jista' jasal ghall-konkluzjoni li dan is-servizz kien gie terminat fl-4 ta' Novembru 2011. Ghalhekk b'riferenza ghall-prospett a fol 3, it-Tribunal sejjer jinjora l-entrati kollha mill-1 ta' Awissu 2012 'il quddiem u b'hekk mill-ammont pretiz ta' €405.31 ghandhom jitnaqqsu wkoll tmien kontijiet ta' €41.19-il wiehed li jammontaw ghal tliet mija u disgha u

ghoxrin euro u tnejn u hamsin centezmu (€329.52) biex b'hekk jibqa' bilanc favur is-Socjeta Attrici ta' hamsa u sebghin euro u disgha u sebghin centezmu (€75.79);

*Il-Kont 40135641 – Landline Internet*

Is-Socjeta Attrici tghid li dan il-kont huwa regolat skond kuntratt tad-9 ta' Mejju 2006 (a fol 8) u l-ammont pretiz huwa ta' €471.51. Gie prezentat ukoll prospett (a fol 4);

Il-Konvenut jghid li dan il-kont kien gie terminat bhalma jidher mill-email tal-10 ta' Novembru 2011 (a fol 47) u jghid li dan kien servizz *pay per use* u li ghalhekk mghandu jhallas xejn. B'riferenza ghall-prospett a fol 4, huwa pprezenta wkoll verzjoni tieghu li tinsab a fol 45 fejn qieghed jghid li l-kontijiet li ddekorrew mhumiex dovuti. Huwa pprezenta wkoll korrispondenza ohra li giet skambjata;

It-Tribunal iqis li d-dikjarazzjoni tal-Konvenut li s-servizz kien gie tterminat f'Novembru 2011 hija verosimili. L-email ta' Rapinett hija cara wkoll. Ghalhekk b'riferenza ghall-prospett a fol 4, it-Tribunal iqis li gjaladarba l-partiti kollha saru qabel id-data tat-terminazzjoni, l-ammont pretiz dwar dan il-kont huwa kollu dovut u mhemmx lok ghal tnaqqis. Ghalhekk is-somma ta' €471.51 hija dovuta.

Illi jsegwi ghalhekk li meta wiehed iqis it-tliet kontijiet, l-ammont dovut mill-Konvenut lis-Socjeta Attrici jammonta ghal seba' mija u erbgha u erbghin euro u tletin centezmu (€744.30);

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jilqa' in parte l-ewwel eccezzjoni, jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha u erbghin euro u tletin centezmu (€744.30). Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu'
*Deputat Reġistratur*